MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Il-Ħamis, 2 ta' March, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-14:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

ASSENTI:

James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

24.1.2 Il-Kunsillier Buhagiar fakkar li fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill qabel li jsir *Certification* tal-cameras tal-Pjazza. Sar qbil li jiżdied paragrafu 23.3.5 li jgħid "Il-Kunsillier Buhagiar ippropona li meta jiġu installati l-cameras, jiġu ċċertifikati mill-Inġinier Falzon. Il-Kunsill qabel".

24.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 24.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

24.2.1 Is-Sindku issuġerixxa li npoġġu tabella biex navżaw li fi Sqaq ta' Pawluzzu hemm *traffic* hump. Il-Kunsill qabel.

24.2.2 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE daħħlu applikazzjoni bi sħubija mal-Fondazzjoni ARKA, marbuta mal-ġemellaġġ li għandna f' Colle Umberto, fejn hemm ċans li jekk nintagħzlu nkunu nistgħu nagħmlu konferenzi kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna. Dan il-proġett huwa relatat mal-persuni bi bżonnijiet speċjali.

24.2.3 Is-Sindku informa lil Kunsill li wara li talab hu stess, kellu laqgħa mad-Direttur Mark Formosa, il-perit Angelo Portelli u Anthony Debono. Fil-laqgħa is-Sindku tkellem dwar il-bżonn tat-tieni kisja ta' Triq San Lawrenz, fejn ġie infurmat li ser issir fil-ġimgħat li ġejjin, talab ukoll li ssir Triq id-Duluri u kien infurmat li hemm ħsieb li ssir dalwaqt, kif ukoll tingħata għajnuna lil Kunsill biex issir il-monument ta' San Lawrenz. Is-Sindku talab ukoll biex issir traffic hump fil-bidu tal-Pjazza biex jiġi evitat sewqan eċċessiv. Is-Sindku fakkar ukoll bil-barriers tat-Triq tad-Dwejra u huma qalulu li kieku hemm bżonn li l-barriers isiru mat-triq kollha.Pero s-Sindku saħaq li tal-inqas għalissa jsiru dawk l-aktar urġenti.

24.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-*bollards* tal-Pjazza, hu ltaqa' ma' John Micallef u fhemu kif iridu jiġu. Is-Sindku qal ukoll li ltaqa' ma Vitor Formosa u talbu sabiex jagħmel il-qsari tac-cement li jkunu jaqblu mal-bqija tad-disinni. B'hekk inkunu qed niffrankaw il-flus.

24.2.5 Is-Sindku qal li l-kumpanija Road Construction ġew sabiex jagħmlu xi xogħolijiet bil-makkinarju fil-Pjazza, u kif kien qabel il-Kunsill, mal-permess ġiet miżmuma garanzija ta' mitt ewro. Meta kien qed isir l-istess xogħol, intrefet manhole b'mod ħażin mill-ħaddiema tar-Road Construction b'konsegwenza li inkiser il-porfido li kienet mgħottija bih. Għall-din ir-raġuni, is-Sindku talab li tinżamm il-garanzija sakemm titranġa l-ħsara li saret. Il-Kunsill qabel.

24.2.6 Is-Sindku bi pjaċir informa lil Kunsill li l-applikazzjoni tal-Inizjattivi ta' Attivitajiet

Kulturali iltaqgħet, b'riżultat li l-Kunsill irċieva €2000 sabiex jerġa jitella' Swejjaq f'Ġunju 2017.

24.2.7 Is-Sindku qal li rigward il-ħitan ta' Triq it-Torri, hemm partijiet li qedgħin fil-konfini privat. Hu kompli jgħid li fejn mhux privat, il-Kunsill jista' jirrangahom. Il-Kunsillier Buhagiar qal li hu bagħat ritratt li Anthony Debono tac-CMU sabiex jara jistax jgħin u qallu se jibgħat lil ħaddiema tiegħu sabiex jagħmlu l-ħitan huma.

24.2.8 Is-Sindku issuġerixxa li l-ħarġa tal-anzjani li jmiss isir fit-23 ta' Marzu u neħduhom Għajnsielem. Il-Kunsill qabel.

24.2.9 Is-Sindku informa lil Kunsill li l-kumpanija li installat ic-Chevron Lights bagħtet ħaddiem sabiex ineħħihom permanenti. Dan għaliex riċentament l-istess dwal ġew ivandallizzati għal darb oħra u l-kumpanija mhiex se terġa isewwihom.

24.2.10 Is-Sindku qal li s-serata tal-Karnival kienet waħda ħelwa ħafna u ta' suċċess. Hu kompla jgħid li kieku tkun idea tajba li għas-sena d-dieħla tingħata xi għajnuna minn qabel lil dawk li se jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel.

24.2.11 Is-Sindku qal li preżentament qegħdin fil-proċess li nieħdu sehem f'kompetizzjoni tal-URBACT fejn bħala Kunsill qed napplikaw bil-proġett tar-Riġenerazzjoni tar-Raħal. Jekk nirbħu, bħala raħal nieħdu pubbliċita' u rikonoxximent mill-Unjoni Ewropea.

24.2.12 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma Helene Markstein fejn hi qaltlu li se ttella' installazzjoni b'użu tal-ġebla Maltija mid-diversi Pjazzez madwar Għawdex hi qed tagħżel tagħna. Hi semmiet li ser ikun hemm l-opportunità li min iżur din l-istallazzjoni se jkun jista' jikteb fuq l-istess ġebla xi messaġġ favur il-paċi li jixtieq hu. Huwa kompla jgħid li din l-attivita' hi maħsuba għall-aħħar ta' Awissu ta 2018. Il-Kunsill aċċetta li jilqa' din il-proposta imbasta l-istat taz-zuntier jibqa kif kien oriġinarjament u li l-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż.

24.2.13 Is-Sindku qal il-*meter* ta' ħdejn il-Playingfield hemm bżonn li jitħarrek għaliex m'huwiex post addattat. Il-Kunsil qabel.

## 24.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

24.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa saqsa fl-liema stadju jinsabu x-xogħolijiet tal-Playingfield. Is-Sindku informa li l-kuntrattur ħallas id-depożitu fuq l-apparat u dan daqt jasal.

24.3.2 Il-Kunsillier Buhagiar qal li l-kuntrattur tal-*open skips* li jiġi jagħti servizz is-Sibt filgħodu qed jitlaq kmieni wisq, b'konsegwenza li ħafna residenti ma jilħquhx. Is-Sindku qallu li se jkellmu hu personalment u jekk jibqa' ma titranġax is-sitwazzjoni għandna nagħtuh warning oħra.

## 24.4 Aġġornament fuq il-Miżura ta’ Toroq f’Żoni Rurali

24.4.1 Is-Sindku qal li rigward Triq tal-Qasam, wara pariri li ħa anke mill-istess Awtorità ta' ġestizzjoni minħabba raġunijiet ta' amminstrazzjoni, ħaseb li l-aħjar ikollna żewġ applikazzjonijiet separati minflok applikazzjoni waħda mal-Kunsill tal-Għarb. Is-Sindku qal li hu iddentifika (skont l-iskeda fil-liġi) il-parti li aħna responsabbli minnha u ser nimxu fuqha.

Allura l-Kunsill se japplika għall-fondi għall: Triq tal-Qasam (il-parti li aħna responsabbli), Triq it-Torri, Wied Ġonu, Triq Wied il-Merill, Sqaq fi Triq il-Wileġ, u parti minn Triq il-Wileġ.

24.4.2 Is-Sindku issuġerixxa ukoll li jintbagħtu kwotazzjonijiet sabiex inqabbdu persuni ta’ esperjenza sabiex timtela’ l-applikazzjoni għat-toroq rurali. Il-Kunsill qabel.

## 24.5 Proġett mill-UIF Funds

24.5.1 Is-Sindku qal li hemm flus allokati għall-Kunsill ta’ San Lawrenz mill-MEPA, sabiex biex jintużaw fi proġetti li huma ta’ ġid għall-lokalita’. Is-Sindku ippropona li b’dawn il-fondi għandna nużawhom sabiex jinbidlu l-openings ta’ fuq tal-bring in sites. Il-Kunsill qabel.

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

24.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta’ pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 24.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għall-6 ta’ April 2017 fl-14:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv